KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**9 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 11**

**L-Erbgħa, 12 ta' Frar 2025**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur | Ivan Abela Grech | Kunsillier |
| Is-Sur | Karel Zahra | Kunsillier |
| Is-Sur | Darren Mark Debono | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |
| Is-Sa | Rohasia Zammit | Kunsilliera |

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |
| Is-Sa Doreen Mintoff | Accountant tal-Kunsill |
| Dr Alexander Borg Galea | Konsulent Ambjentali tal-Kunsill |
| Perit Gregory Buttigieg | Perit tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

*Qabel ingħata bidu għas-seduta, is-Sindku Scott Camilleri talab sabiex tinżamm minuta silenzju sabiex titfakkar il-memorja tal-Eks Sindku s-Sur Joseph Farrugia 'Ir-Riki'.*

**11.01 Qari tal-ittri t'apoloġija**

**11.01.01** Il-Kunsillier Johann Borg talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**11.01.02** Il-Kunsilliera Rohasia Zammit talbet sabiex tkun skużata minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**11.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 10)**

**11.02.01** Is-Sindku Scott Camilleri għamel rimarka fuq punt 10.03.05, rigward il-proċess tal-ordni tas-soft flooring tal-bandli fejn ukoll tella' l-kwotazzjonijiet għas-seduta. Huwa qal li s-soft flooring se jinqala' mill-ħaddiema tagħna minflok mill-kuntrattur u b'hekk se jibqa' iktar fondi għall-istrutturi.

**11.02.02** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil, u sekondata mill-Kunsillier Karel Zahra, il-minuti ta' seduta 10 ġew approvati unanimament.

**11.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**11.03.01** _5 dog bins_: Is-Sindku Scott Camilleri semma li hemm bżonn jinxtraw 5 dog bins. Inġabru 3 kwotazzjonijiet, bl-orħos waħda tkun dik B, li tammonta għal €1,038.40. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**11.03.02** _6 notice boards_: Is-Sindku Scott Camilleri semma li tlabna għal 3 kwotazzjonijiet, imma daħlu 2, għal 6 notice boards. L-orħos kwotazzjoni kienet dik B, li tammonta għal €2,407.20. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li għalissa mmexxu b'waħda ħalli naraw kif se mmorru. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat intervjena billi qal li trid tinġieb kwotazzjoni riveduta qabel immexxu. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din id-deċiżjoni.

**11.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**11.04.01** Is-Sindku Scott Camilleri preżenta r-rapport tar-rebbieħa tal-kompetizzjoni tal-Milied. Filwaqt li rringrazzja lill-parteċipanti kollha, ir-rebbieħa se jiġu kkomunikati fil-ġimgħat li ġejjin sabiex jiġu fis-seduta li jmiss.

**11.04.02** Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-Prim Ministru Dr Robert Abela, waqt attività politika li saret fil-jiem li għaddew, semma li nbeda l-proċess legali biex il-fortizza ta' Bengħajsa tittieħed lura mill-Gvern. Il-Kunsill Lokali se jkun qiegħed iżomm lir-residenti infurmati bil-passi kollha involuti f'dan il-proċess.

**11.04.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li s-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat flimkien mal-Kunsillier Alex Caruana kellhom laqgħa l-Ministeru tat-Trasport. Il-Kunsillier Alex Caruana ta deskrizzjoni tal-laqgħa fejn semma li tkellmu fuq il-bypass, fost diversi materji pendenti li għandna fil-lokalità. Huwa preżenta lill-uffiċjal tal-Ministeru sketch li kienet

ilha diversi snin li saret minn Kunsilli preċedenti u li hu kien ra għall-ewwel darba kif ukoll infurmah bil-problema li hemm biex tingħaqad Triq il-Port il-Ħieles ma' Triq G. Galizia billi s-CEO ta' IM kien qallu li dan il-proġett huwa diffiċli jsir. Il-Kunsillier Alex Caruana sostna li bħala Kunsill din hija bżonjuża ħafna. Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-iktar proċess li jrid isir fl-imminenti huwa l-konnessjoni ta' Triq il-Port Ħieles ma' Triq G. Galizia. Huwa semma li kellmun lura riċentement u se jibdew il-proċess min-naħa tagħhom.

*Hawnhekk il-Perit Gregory Buttigieg ipparteċipa online.*

**11.04.04** Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Perit Gregory Buttigieg sabiex jagħti deskrizzjoni tal-laqgħa li kellhom miegħu rigward iċ-ċentru ċiviku. Il-Perit Gregory Buttigieg preżenta l-ewwel sett ta' pjanti għal dan il-proġett. Huwa qed jaħdem fuq il-proposta biex jippreżenta kollox sal-inqas dettall billi jrid ikun hemm ċertu preċiżjoni. Is-Sindku Scott Camilleri intervjena billi qal li propona li mad-dawra ta' Triq San Mikiel u mal-faċċata jkun hemm landscaping, bil-għan li tirtira l-binja iktar lura u ma jkunx hemm il-bini jħares lejn il-btieħi tat-tfal. Qed jiġi propost li fis-sular li jiġi livell ma' Triq Żaren Dalli tiġi l-berġa tas-saħħa. Semma wkoll li fil-laqgħa li kellu hu flimkien mal-Kunsillier Alex Caruana proponew li jkun hemm aċċess għal latrina. Il-Kunsillier Alex Caruana talab lill-Perit sabiex iħalli iktar spazju fil-klinika sabiex jekk fil-futur ikun hemm il-bżonn li jiżdiedu iżjed servizzi jkun hemm spazju adekwat. Fin-nofs tal-binja se tiġi s-sala pubblika u fuq nett se tiġi l-librerija. Għalhekk iċ-ċentru ċiviku l-ġdid, li se jinbena bejn Triq Żaren Dalli u Triq San Mikiel, se jkollu sular dedikat għall-klinika tal-komunità, sular għal-librerija, u sular għal sala u ċentru multimedjali. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu ma' dan il-pjan. Il-Perit Gregory Buttigieg għandu jipprepara l-pjanti u jibgħathom lill-Kunsill għar-rimarki.

**11.04.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li ġejna mitluba mill-Awtorità tat-Trasport Pubbliku sabiex l-ewwel parkeġġ li hemm fi Triq Ta' Feliċjan isir double yellow line sabiex tal-linja tkun tista' tgħaddi aħjar.

**11.04.06** Is-Sindku Scott Camilleri ta aġġornament fuq il-binja tal-Lido Hall li tinsab fi Triq San Edwardu. Huwa qal li tneħħew il-bollards tal-konkos u tkellem mal-kuntrattur sabiex ineħħi l-ħmieġ li kien baqa'. Hekk kif titneħħa l-bankina temporanja li kien hemm, jerġgħu jsiru l-parkeġġi li kien hemm f'dik it-triq.

**11.04.07** Is-Sindku Scott Camilleri semma li hu flimkien mal-Kunsillier Alex Caruana kellhom laqgħa mal-uffiċċju tat-tismija tat-toroq, rigward Triq il-Port Ħieles, billi r-residenti ta' dik it-triq (in-naħa tal-ground) għadhom bla numru tad-dar. Is-Sindku Scott Camilleri qal li kull dar man-naħa tal-ground se tingħata numru. Ladarba jsiru dawn in-numri, il-Kunsill se jipproponi isem ġdid għal parti minn Triq il-Port Ħieles. Il-Kunsillier Alex Caruana intervjena billi qal li rridu nibqgħu għaddejjin fuq pjan li kull triq u sqaq ikollhom isem sabiex ikun kollox kif suppost, iżda din it-triq hija iktar ta' prijorità. Huwa semma wkoll li Triq ix-Xerriek mhijiex reġistra mal-uffiċċju tat-tismija tat-toroq. Is-Sindku Scott Camilleri semma wkoll li fi Triq Birżebbuġa, qabel taqbad Triq Alfons Maria Galea, hemm ammont ta' numru ta' bibien li se jkunu qed jinbidlu wkoll billi kien hemm żvilupp riċenti. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li huma diġà ġibdu l-attenzjoni li fl-eventwalità li jinbdew l-artijiet skedati għall-bini, f'biċċa mit-triq (Triq il-Port Ħieles), jitħallew numri tal-bibien vojta ħalli jekk jinbnew fit-tarf tat-triq (in-naħa ta' Triq il-

Kostituzzjoni) ikollhom numri allokati għalihom sabiex b'hekk ma tingħatax kedda oħra lir-residenti.

## 11.05 Mistoqsijiet mill-kunsilliera

**11.05.01** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar il-promenade. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill irċeviex kopja tal-pjanti u l-pjan tal-proġett bid-dati ta' meta se jsir il-proġett tal-promenade li ġie preżentat nhar l-Erbgħa, 22 ta' Jannar. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li dawn għadhom ma waslux u talab għal laqgħa dwar dan. Il-Kunsillier Karel Zahra ssuġġerixxa lis-Sindku Scott Camilleri sabiex waqt il-laqgħa jżid jgħidilhom sabiex tissolva l-biċċa ta' Ferretti u l-biċċa ta' ħdejn il-pitch.

**11.05.02** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar il-master plan għall-promenade. Huwa semma li bħalissa madwar il-promenade ta' Birżebbuġa hemm pjanati numru ta' proġetti u l-laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 22 ta' Jannar, kellha tkun dwar preżentazzjoni ta' master plan għall-promenade ta' Birżebbuġa. Huwa xtaq ikun jaf jekk tistax issir talba biex ikollna kopja ta' dan il-pjan. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li jaqbel mas-suġġeriment u qal li għamel talba lill-Ministeru tat-Turiżmu ħabba l-proġett ta' Wied il-Buni. Huwa ġie infurmat li dan tneħħa minn taħt l-imsemmi ministeru u issa ġie f'idejn l-MTIP u għalhekk se jitlob sabiex issir talba uffiċjali dwar il-proċessi lil PWD u kif ukoll lil IM. Ġie maqbul li ssir ukoll talba lill-istess ministeru dwar Pretty Bay għax issa din il-parti mhux se tkun qed tikkumplimenta dan il-proġett.

**11.05.03** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar l-istat ta' Triq Birżebbuġa, il-biċċa parallela ma' Triq Żaren Dalli, li qiegħed dejjem sejjer lura. Huwa xtaq ikun jaf jekk jistax ikollna aġġornament dwar din it-triq u meta hu mistenni li jsiru x-xogħlijiet li fadal. Il-Kunsillier Alex Caruana intervjena billi qal li nbeda x-xogħol fi Triq in-Noqra. Huwa kellem il-kuntrattur u qallu li t-triq trid tingħata t-tarmak minn ġenb sa ġenb. Il-kuntrattur wieġeb li qalulu li jrid jgħaddi l-cable u jibda jqaxxar it-triq. Il-Kunsillier Alex Caruana qallu biex ma jipproċedix b'dan għax il-ftehim ma kienx hekk. Il-Kunsillier Alex Caruana semma li tkellem mas-Sindku Scott Camilleri u s-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat sabiex niktbu immedjatament lil IM u ngħidulhom li l-ftehim magħhom kien li Triq in-Noqra u Triq Birżebbuġa jsiru toroq ġodda mill-bidu sal-aħħar, billi dawn qatt ma saru. Il-Kunsillier Alex Caruana semma wkoll li l-istorm water ġie approvat imma s'issa għadu ma tkompliex.

**11.05.04** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar ix-xogħlijiet fil-Bajja s-Sabiħa. Huwa xtaq ikun jaf jekk jistax ikollna aġġornament dwar ix-xogħlijiet fil-Bajja s-Sabiħa u x'inhu l-pjan għal ġimgħat li ġejjin. Talab jekk nistgħux ninkludu wkoll aġġornament dwar kif qed jaħdem u kif mistenni jaħdem it-trasport pubbliku f'dan il-perjodu, u jekk hux se jkun hemm xi tibdil fil-mod kif jimxi t-traffiku. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li x-xogħlijiet tal-Enemalta waslu biex jintemmu. L-Erbgħa, 12 ta' Frar, se jibda x-xogħol tal-WSC fix-xatt minn ħdejn l-għassa sa Triq Profs. Anton Tabone. It-trasport pubbliku, hekk kif diġà ttella' l-avviż, qed jieqaf biswit il-monument ta' Bush u Gorbachev u hemm shuttle service iddur kull 10 minuti.

## 11.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**11.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta r-rapport ta' xogħlijiet mill-contracts manager għax-xahar ta' Jannar 2025. Il-Kunsillier Karel Zahra xtaq ikun jaf kif bqajna fuq l-ittra tal-avukat li waslet mill-kuntrattur. Dwar dan s'issa ma kien hemm l-ebda aġġornament.

*Fis-18:50 l-Viċi Sindku Josette Busuttil ġiet skużata mil-laqgħa.*

**11.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar it-tiġdid tal-kuntratt tal-bandli u street furniture. Għalkemm il-kuntratt huwa għal 4 snin, dan jiġi mġedded kull sena. Is-Sindku Scott Camilleri intervjena billi qal li rridu nżidu xi addendum bħal maintenance agreement b'rata vantaġġjuża lill-Kunsill. Il-kunsilliera preżenti qablu li l-kuntratt jiġi estiż għal sena oħra. Is-Sindku Scott Camilleri rrimarka li rridu nitolbu li jkun hemm maintenance agreement li jkopri x-xogħlijiet kollha li għamel il-kuntrattur. Issemma wkoll li x-xogħol li se jsir fil-ġnien ta' San Ġorġ irid jiġi b'garanzija u din trid issir hekk kif tinħareġ il-purchase order il-ġdida. Is-Sindku Scott Camilleri qal li jridu jintbagħtu 3 emails separati: waħda li tinforma l-kuntrattur li l-kuntratt se jiġġedded, waħda għal talba ta' maintenance agreement, u oħra għal talba ta' garanzija.

**11.06.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat informa lill-kunsilliera li ħareġ il-ftehim kollettiv tal-ħaddiema klerikali, li kien ilu skadut għal numru ta' snin.

**11.06.04** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qajjem punt dwar il-mozzjoni nru 3 tas-sena 2024, rigward il-bust/monument tal-mibki Jake Vella. Huwa fakkar li l-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali kien se jkun qed jieħu ħsieb il-proċess kollu hu. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat irrimarka li għalkemm hu ma jsib l-ebda oġġezzjoni, l-amministrazzjoni tal-Kunsill tgħin u tassisti bil-mezzi kollha tagħha fi kwalunkwe materja, però issa ġejna mitluba sabiex niġbru l-kwotazzjonijiet marbuta ma' dan il-bust/monument. Sal-lum għad m'hemm ebda ftehim bejn il-partijiet involuti dwar dan il-bust/monument, u għalhekk m'għandna l-ebda informazzjoni dwar qisien, disinn, materjal, eċċ. Is-Sindku Scott Camilleri intervjena billi qal li tkellem mal-ministeru konċernat dirett u infurmahom dwar dan. Qal li huwa infurmat mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali li dawn se jqabbdu lil xi ħadd min-naħa tagħhom sabiex jagħmel kuntatt mal-Kunsill mill-aspett ta' disinn, eċċ. Is-Sindku Scott Camilleri għamilha ċara li l-ftehim kien li l-procurement iridu jieħdu ħsiebu huma.

## 11.07 Korrispondenza

*Hawnhekk il-Konsulent Ambjentali Dr Alexander Borg Galea pparteċipa online għall-ewwel tliet punti mill-korrispondenza.*

**11.07.01** Il-Konsulent Ambjentali Dr Alexander Borg Galea ta spjegazzjoni dwar l-applikazzjoni PA6444/24, rigward proposta mdaqqsa li tinkludi twaqqigħ ta' binja eżistenti li tinsab fi Triq il-Kostituzzjoni, kantuniera ma' Triq San Tumas. Huwa semma li l-Enemalta talbet li hemm bżonn ta' substation minħabba n-numru ta' units li hemm f'din il-proposta. S'issa din l-informazzjoni li hemm bżonn għadha ma ġietx sottomessa mill-applikant. Huwa qal ukoll li fil-local plans f'din iż-żona il-limitu ta' sulari huwa 3, filwaqt li f'din il-proposta hemm 5 sulari. Id-data tal-għeluq sabiex tiġi sottomessa r-

rappreżentazzjoni hija l-24 ta' Frar. Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-konsulent ambjentali sabiex jekk hemm bżonn l-obbligu tar-rimi tal-iskart, l-obbligu tal-parkeġġ u l-obbligu relatat mas-supply tad-dawl u l-ilma, dawn jiġu imposti.

**11.07.02** Il-Konsulent Ambjentali Dr Alexander Borg Galea ta spjegazzjoni dwar l-applikazzjoni PA486/25, rigward estensjoni ta' canopy eżistenti f'Wesgħa Carmelo Caruana, kantuniera ma' Triq Bonnici. Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-konsulent ambjentali sabiex jiċċekkja r-rappreżentazzjonijiet li saru fiż-żona attwali u li l-aċċess pubbliku jibqa' dejjem attwat. Talbu wkoll sabiex jerġa' jiġbed l-attenzjoni fuq dawk li saru illegalment mingħajr il-permessi neċessarji tal-Awtorità tal-Ippjanar.

**11.07.03** Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Konsulent Ambjentali Dr Alexander Borg Galea sabiex jagħti deskrizzjoni fuq l-email li għaddielu s-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat dwar l-applikazzjoni PA6353/24, f'Dawret il-Qalb Imqaddsa. Huwa qal li l-għoli tal-binja proposta mhuwiex kongruwenti mal-local plans. Qal ukoll li f'numru ta' rappreżentazzjonijiet li saru mir-resident hemm ukoll l-aspett tal-istreetscape, fejn iż-żona għandha xeħta storika u għalhekk id-disinji l-ġodda mhux se jkunu kongruwenti mal-istreetscape eżistenti. Is-sottomissjoni għandha tkun skont il-liġi.

**11.07.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ħadmu bis-sħiħ rigward is-sitwazzjoni tat-tiġieġ fi Triq Żaren Dalli. Is-Sindku Scott Camilleri qal li għamel kuntatt dirett mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Alicia Bugeja Said fejn ġie mgħarraf li l-Animal Welfare ma tiġborx annimali tar-razzett u traqqad biss annimali li jkunu morda. Skonthom, niżlu veterinarji tad-dipartiment biex jiċċertifikaw jekk dawn it-tiġieġ humiex morda, però dawn qalu li mhumiex. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li hu bagħat diversi emails indirizzati lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Anton Refalo, lis-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akkwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Alicia Bugeja Said u lill-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali s-Sa Alison Bezzina, però sal-lum lanqas notifika tal-email bit-talba għall-għajnuna għal dawn l-annimali ma waslet. Is-Sindku Scott Camilleri tenna li jekk xi ħadd mill-membri tal-Kunsill ikollu xi soluzzjoni oħra jressaqha ħalli tiġi diskussa, iżda għalissa m'hemmx soluzzjoni għal dan.

**11.07.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li ħareġ ir-rapport mir-risk assessment officer dwar il-monti. Huwa talab lill-Kunsillier Ivan Abela Grech u lill-Kunsillier Darren Mark Debono sabiex jiddiskutu bejniethom dan ir-rapport u jħejju lista ta' proposti u pjan t'azzjoni għas-seduta li jmiss.

**11.07.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma l-iskema tal-attività tal-Ġimgħa Mqaddsa maħruġa mir-Reġjun Nofsinhar, fejn qed jalloka s-somma ta' €800 lill-Kunsilli. Dawn il-fondi allokati se jkunu jistgħu jintużaw għal massimu ta' żewġ attivitajiet relatati mal-festi tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Ottava tal-Għid. Il-Kunsill Reġjonali qed jesiġi li dawn l-attivitajiet proposti jkunu mtellgħa mill-Kunsill rispettiv jew inkella bil-kollaborazzjoni ta' gruppi jew għaqdiet lokali. Din l-iskema se tibqa' miftuħa sal-aħħar ta' Mejju. Il-Kunsillier Karel Zahra se jkellem lill-għaqda ZAK sabiex jagħmlu tajjeb għall-ispiża tal-iskola u fil-każ idaħħlu l-proposta huma mar-Reġjun.

**11.07.07** Is-Sindku Scott Camilleri semma li hekk kif ġie diskuss fix-xhur li għaddew, il-Kunsill kien applika sabiex isir solar street lighting fil-ġnien ta' San Ġorġ. Bl-eventwalità

li issa l-ġnien ta' San Ġorġ se jingħaqad mal-proġett tal-promenade, ma tagħmilx sens li dawn jiġu installati f'dan il-ġnien u għalhekk irid jinstab post ieħor. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat issuġġerixxa l-ġnien ta' fejn ir-ridott u ngħaqqduh mal-maintenance works tiegħu wkoll. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dan is-suġġeriment.

**11.07.08** Il-Kunsilliera Maria Mifsud bagħtet korrispondenza dwar problema minħabba żewġ blokok t'appartamenti li hemm fi Triq il-Port Hieles, billi quddiem blokka minnhom m'hemmx spazju fejn jitħallew il-boroż tal-iskart. Residenta qed tipproponi li forsi ssir kaxxa ta' parkeġġ żgħir għall-iskart. Il-Kunsilliera Maria Mifsud se tistaqsi għal parir mill-ERA.

**11.07.09** Is-Sindku Scott Camilleri semma li kellu laqgħa mal-MPT, flimkien mal-Viċi Sindku Josette Busuttil, fuq rotot ġodda li se jagħmlu ġewwa Birżebbuġa. Fix-xhur li għaddew saru diversi studji fuq ir-rotot kollha ta' Malta u dawn se jkunu qed jiġu upgraded, kemm mill-aspett ta' effiċjenza kif ukoll mill-aspett ta' rotta. L-ewwel waħda hi li se titneħħa r-rotta X4 u minflokha se tiġi r-rotta 205. Din ħa tkun qed taħdem kull nofs siegħa minflok kull siegħa u ħa tkun qed tgħaddi minn Birżebbuġa, Ħal Far, l-ajruport, San Vinċenz u l-Marsa Park & Ride. Ir-rotta 119 se tkun qed tibda qabel u l-ewwel vjaġġ se jkun qed jgħaddi miż-Żona Industrijali ta' Ħal Far. Ir-rotta 82/A se tkun qed tiżdied minn 5 vjaġġi għal 6 vjaġġi fis-siegħa. Ir-rotta l-ġdida, imsejħa 82B, se tkun qed tgħaddi wkoll miż-żona ta' Ħal Far. Is-Sindku Scott Camilleri qal li ma qabilx li din tissemma 82B għall-fatt li r-residenti se jitħawdu. Huwa ssuġġerixxa li din ir-rotta tingħata numru differenti. Il-Kunsillier Karel Zahra staqsa għal meta hu maħsub li jsir dan ix-xogħol. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li ż-żmien li jsir dan it-tibdil huwa fil-viċin. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għal dawn il-proposti.

**11.07.10** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċevejna korrispondenza minn Project Green, li se tniedi skema mmirata speċifikament għall-Kunsilli Lokali sabiex jiżdied l-ammont ta' siġar u arbuxelli madwar il-pajjiż. Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsilliera Maria Mifsud sabiex tara l-excel sheet li bagħtulna u tagħżel post. Semma wkoll li rridu nobbligawhom b'maintenance agreement.

**11.07.11** Is-Sindku Scott Camilleri semma li għandna talba mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex ngħaddu informazzjoni dwar siti ta' patrimonju storiku li jeħtieġu restawr fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Ġew suġġeriti dawn is-siti f'din l-ordni: il-kappella ta' San Ġorġ, il-kappella ta' San Ġużepp, il-kappella ta'AUxilium Cristanomu, ir-ridott tax-Shortley, is-sur ta' Wied il-Buni, u l-pill box ta' Triq Għar Dalam. Sar qbil unanimu fuq il-lista msemmija hawn fuq.

## 11.08 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**11.08.01** Is-Sindku Scott Camilleri, f'ismu u f'isem il-Kunsillier Alex Caruana, tella' l-mozzjoni 01/25 dwar tibdil tal-isem ta' parti minn Triq il-Port Hieles. Wara li l-Kunsill ħa nota tat-talba mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq, qed jieħu azzjoni fuq is-suġġerimenti biex parti minn Triq il-Port Hieles tinbidel f'isem ġdid sabiex tissolva l-problema eżistenti relatata man-numru tal-bibien fuq iż-żewġ naħat tat-triq u kif ukoll tagħti opportunità ta' rikonoxximent lil persuna li tat kontribut kbir lill-komunità ta' Birżebbuġa. Għalhekk b'dan il-għan qed jiġi propost li din il-parti tat-triq tkun imsemmija għall-Eks Sindku s-

Sur Joseph Farrugia, magħruf bħala 'Ir-Riki'. Is-Sindku Scott Camilleri se jitkellem mal-familjari tas-Sur Farrugia. Il-vot marbut ma' din il-mozzjoni kien hekk:

**Favur** 6 **Kontra** 0 **Astensjonijiet** 0

Din il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.

### 11.09 Unaudited Financial Statements 2024

*Hawnhekk is-Sa Doreen Mintoff ipparteċipat online.*

**11.09.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ressaq l-unaudited financial statements 2024, li ġie ċċirkulat minn qabel is-seduta u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri. Hawn, l-accountant tal-Kunsill tat spjegazzjoni dwarhom. Dawn ġew approvati unanimament mill-membri kollha preżenti.

### 11.10 Rapport Amministrattiv u Finanzjarju 2024

**11.10.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta r-rapport amministrattiv u finanzjarju 2024. Dan ġie approvat unanimament u se jittella' fil-laqgħa annwali tal-lokalità, li se ssir nhar l-Erbgħa, 12 ta' Marzu 2025, fis-19:30 ġewwa l-boardroom tal-Kunsill Lokali.

### 11.11 Evalwazzjoni tas-sejħiet għall-offerti: BLC/T/03/2024 u BLC/T/04/2024

**11.11.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li kien hemm l-evalwazzjonijiet ta' 2 tenders: BLC/T/03/2024 relatat mal-ġonna pubbliċi u BLC/T/04/2024 relatat mas-servizzi tal-IT. Huwa qal li għal tal-ġonna daħlu 4 sottomissjonijiet. L-orħos offerta kienet tas-Sur Christopher Bonello, li tammonta għal €77,712 fuq perjodu ta' 4 snin. L-evalwazzjoni nqablet mill-kunsilliera preżenti kollha.

**11.11.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li għat-tender relatat mas-servizzi tal-IT daħlu 2 sottomissjonijiet. Irriżulta li l-orħos offerta ma kinitx tikkwalifika mar-rekwiżiti. B'hekk it-tender waqa' u għadda għall-applikant ta' wara; Patrick Schembri, bl-offerta li tammonta għal €36,000 fuq perjodu ta' 4 snin. Il-Kunsillier Karel Zahra qal li għal darb'oħra nikkunsidraw li m'hemmx bżonn li l-persuna jkollha dottorat ħalli b'hekk ikun hemm iżjed lok li wieħed jista' jagħmel sottomissjoni. L-evalwazzjoni nqablet mill-kunsilliera preżenti kollha.

### 11.12 Proġetti, Attivitajiet u Skemi

**11.12.01** Is-Sindku Scott Camilleri ta aġġornament rigward Festa Bengħajsa fejn hu flimkien mal-Kunsillier Karel Zahra ltaqgħu mal-għaqda u tawhom feedback interessanti. Semma li billi ċ-ċirkostanzi ma ppermettewx, se jkomplu jaħdmu fuqha fil-ġimgħa li ġejja.

**11.12.02** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar l-iskemi li ħarġu din is-sena:

1. *SPI/SCI/2/2025 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026*

- Il-Kunsill Lokali qabel li napplikaw għal din l-iskema. Se nżommu fuq il-pjan tal-istess attività li se ssir din is-sena.

2. *SPI/SCI/3/2025 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet Aktar Nodfa*
   - Il-Kunsill Lokali qabel li nappilkaw għal din l-iskema. Din l-clean up trid issir f'Settembru u li għaliha hemm allokati €1,500. Il-Kunsilliera Maria Mifsud se tkun qed taħdem fuqa u tiġi bi propostà fis-seduta li jmiss.
3. *SPI/SCI/4/2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2025*
   - Il-Kunsill Lokali qabel li din tiġi diskussa fis-seduta li jmiss.

## 11.13 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' pagamenti:*

**11.13.01** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar l-iskeda tal-pagamenti.
*Petty cash:*

**11.13.02** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Karel Zahra, u sekondat mill-Kunsillier Ivan Abela Grech, il-kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 11.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**11.14.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fit-20:30 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 12 ta' Marzu 2025, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum l-Erbgħa, 12 ta' Marzu 2025.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ____________________ | ___________________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |